

Suġġett

Talba għall-annullament tal-Artikolu 411(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1), sa fejn iħassar ir-raba' u t-tmien premessi u l-ewwel u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 67/227/KEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-bejgħ (ĠU 1967, 71, p. 1301).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tal-Kummissjoni u tar-Renju ta' Spanja.
- 3) Lactalis Gestion Lait SNC u Lactalis Investissements SNC huma kkundannati għall-ispejjeż.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tad-19 ta' Mejju 2008 —
Transports Schiocchet — Excursions vs II-Kummissjoni**

(Kawża T-220/07)

“Rikors għad-danni — Terminu ta' preskrizzjoni — Artikolu
46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja — Inammissibbiltà”

1. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet — Illegalità — Dannu — Rabta kawżali — Dannu ċert — Kunċett — Dannu imminenti u prevedibbli (Artikolu 288(2) KE) (ara l-punti 30, 33)*
2. *Rikors għad-danni — Terminu ta' preskrizzjoni — Punt ta' tluq — Data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Kundizzjonijiet għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali sodisfatti (It-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikoli 46 u 53) (ara l-punt 32)*
3. *Rikors għad-danni — Suġġett — Talba għal kumpens għad-dannu attribwibbli lill-Komunità — Ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti Komunitarja (Artikolu 288(2) KE) (ara l-punt 38)*
4. *Rikors għad-danni — Terminu ta' preskrizzjoni — Interruzzjoni — Kundizzjonijiet (Artikolu 288(2) KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 46) (ara l-punt 39)*

Suġġett

Talba għal kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti wara diversi allegati illegalitajiet li huma akkużati bihom l-istituzzjonijiet Komunitarji.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Transports Schiocchet — Excursions SARL hija kkundannata għall-ispejjeż.